**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex**

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 05

**18 ta' Ottubru, 2019**

**Il-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Ronnie Portelli – Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti - Kunsillier**
**Eugenio Muscat – Kunsillier**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

**Oriana Calleja – Viċl Sindku**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

**Yasmine Tonna – Segretarju Eżekuttiv**

Local Government of Ta' Xbiex, Triq l-Imradd, Ta' Xbiex, MALTA, EUROPE
Tel:00356 21338844 Fax: 00356 21338877 email: taxbiex.lc@gov.mt

## Minuti

**Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgħa.**

## 5.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji;

**5.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra ta' apoloġija tal-Viċl Sindku Oriana Calleja li ma setatx tattendi l-laqgħa minħabba raġunijiet ta' xogħol. Il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza kienet għal raġuni ġustifikata u għaldaqstant m'għandux isir nuqqas fl-*allowance*.**

## 5.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

**5.2.1 Il-Minuti ġew mressqa mis-Sindku għall-approvazzjoni. Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.**

**Il-minuti ġew approvati b'mod unanimu mill-Kunsill.**

## 5.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti;

**5.3.1 Is-Sindku Max Zammit ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista' ta' pagamenti, dokumenti li kienu iċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.**

**Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara l-Kunsillier Louise Cachia Castelletti ipproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha. Il-Kunsillier Ronnie Portelli issekonda.**

**Il-Kunsill approva l-pagamenti.**

**5.3.2 Il-Kunsillier Ronnie Portelli ma approvax il-pagament ta' Michael Calleja.**

## 5.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

**5.4.1 Is-Sindku Max Zammit qal li l-attivita' ta' Connecting Through Culture u Jum ta' Xbiex ħarget tajba ħafna, għaldastqant irringrazzja lil kulħadd tax-xogħol li kulhadd għamel u jemmen li harġet aħjar u irħas mis-snin ta' qabel.**

**Is-Sindku saqsa jekk bagħtniex e-mail lill-Ambaxxata tal-Ġappun għax tkellem magħhom u infurmawh li ma rċevewx e-mail. Is-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillier Louise Cachia Castelletti qalu li bagħtu e-mail lil kulħadd imma xorta jerġghu jiċċekjaw għalijistajkun.**

**5.4.2 Is-Sindku Max Zammit issuġġerixxa biex niċċekjaw hekk bħala kunsil nistgħux napplikaw għal Visa Card minħabba li ġieli ġejna bzonnha biex inħalsu xi affarijiet online l-iktar meta nirriklamaw fuq il-Facebook.**

**Il-Kunsill qabel.**

5.4.3 **Is-Sindku Max Zammit qal li ltaqa mas-Sur Psaila Savona u qallu li Triq ix-Xatt saret perikoluża ħafna minħabba li ta' spiss qed ikun hemm karozzi li jipparkjaw jew iħallu l-karozzi għal ftit ħin maġenb karozzi oħra iġifieri qed issir double parking. Meta jseħħ dan il-karozzi ikunu qed jimblukaw lane fejn umbad il-karozzi li jkunu ġejjiin ikollhom jaqbżu l-karozzi li jkun hemm ipparkjati u biex jagħmlu dan jispiċċaw isuqu fuq lane b'periklu li tkun ġejja karozza oħra mid-direzzjoni l-oħra. Is-Sur Psaila Savona issuġġerixxa li jsiru 3 tabelli bil-kliem "Strictly No Double Parking".**

**Il-kunsill qabel.**

## 5.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

5.5.1 **Il-Kunsillier Eugenio Muscat saqsa hekk kellniex risposta mid-Dipartiment rigward il-qbid tal-ħamiem. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu li għadhom għaddejien bid-diskussjonijiet u għadhom ma qalulna xejn.**

## 5.6 Is-Salarju tal-Environmental Officer;

5.6.1 **Il-Kunsill reġa iddiskuta s-salarju tal-Environmental Officer u sar ftehim li se nibdew ntuh €600 fix-xahar.**

**Ittiehed vot fejn s-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsillier Eugenio Muscat kienu favur u l-Kunsillier Ronnie Portelli ivvota kontra.**

## 5.7 Attivita' tal-Milied;

5.7.1 **Is-Sindku Max Zammit qal li s-sena l-oħra meta għamilna l-attivita' tal-Milied morna tajjeb ħafna u residenti kienu ħadu pjaċir, għaldaqstant issuġġerixxa li nerġu norganiżżaw oħra din is-sena.**

**Il-Kunsill qabel unanimament li ssir il-Ħadd 22 ta' Diċembru u qablu ukoll li din l-attivita' ma tiġiex tiswiena iktar minn** €2000.

## 5.8 Executive Secretary – Accumulation of Vacation Leave 2019 to 2020*;*

5.8.1 **Is-Sindku Max Zammit qal li s-Segretarju Eżekuttiv avżatu li tixtieq iġedded il-vacational leave tagħha għas-sena id-dieħla. Dan jammonta għal 100 siegħa.**

**Il-kunsill qabel b'mod unanimu li l-leave tas-Segretarju Eżekuttiv għandu jiġġedded.**

## 5.9 Sub Post Office;

5.9.1 **Is-Sindku qal li kien hemm xi residenti li urew ix-xewqa li ġewwa il-kunsill jkollna *sub post office* minħabba li qed issibu problema li meta jaslulhom il-*parcels* minn barra u ma jkunux d-dar qed ikollhom imorru jiġbruhom minn lokalita' oħra. Huwa spjega li ċċekjajna hekk nistgħux nġibu s-servizz tal-parcels biss imma tal-posta ma jaċċettawx hekk ma nieħdux il-pakkett kollu iġifieri li nibdew nagħtu s-servizzi ta' ħlas ta' kontijiet, reġistrar ta' ittri u pakketti lokali u ta' barra sa 2kg, ittri lokali u ta' barra s 2kg, bejgħ ta' bollol, ġbir ta' pakketti u money orders.**

Is-Sindku qal ukoll li minħabba li jirrikjedi ħafna xogħol saqsejna jekk nistgħux jibgħatulna lil xi ħadd huma mil-Maltapost biex joħdielna ħsieb imma ma jibgħatux. Il-gwadan li jkollu l-Kunsill huwa li jgħatu commission skond kemm inbieghu.

Il-Kunsillier Eugenio Muscat saqsa hekk għandniex statiskita kemm ikollhom *parcels fis-sub post office,* izda kemm is-Sindku kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu fin-negattiv.

Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li se jitlaqa mal-*General Manager* u jsaqsi jekk jistgħux ituna l-parcels biss u nibgħatu e-mail bil-miktub biex jibgħatulna lil xi ħadd

Wara din id-diskussjoni il-kunsill qabel li b'dawn il-kundizzjonijiet ma jaċċetawx li nġibu *Sub Post Office* fil-Kunsill.

## 5.10 Dwal Triq ix-Xatt;

5.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li tkellmet ma Electrician rigward id-dwal ta' fuq il bankina minħabba li dawn qed jinqataw ta' spiss minħabba li hemm problema kbira ta' umdita'.

Hija spjegat li tagħha 2 options li huma:
Li jew jinbidlu l-bozoz ta' fuq il-bankina għal-leds u b'hekk nkunu qed nżidu l-lifetime tal-bozzoz
Jew minn flok il-bozoz ta' fuq il-bankina nistgħu nagħmlu new street furniture bil-bozoz fuq pole modern u b'hekk nkunu qed neliminaw żgur il-problema ta' l-ilma tal-baħar.

5.10.2 Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti u Sindku qablu li niċċekjaw kemm huma l-bozoz tal-leds u nżommu l-istess frame.

5.10.3 Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li jixtieqna li nippruvaw nagħmlu foil dish taħt biex jaqta l-umdita' u b'hekk il-bozza suppost iddum iktar biex tinqata. Is-Sindku jixtieq sample mweħħel ta' kif qed jgħid l-Kunsillier Eugenio Muscat.

Il-Kunsill qabel unanimament li rridu nbiddlu s-sistema għal-leds.

## 5.11 CWSEF Performance Bonus;

5.11.1 Il-Kunsill qabel unanimament li Jeffrey Bezzina u Christopher Cauchi jieħdu l-*Performance Bonus in full* u John Bond *pro rata* ta' kemm il-xahar kien ħadem.

## 5.12 Mozzjoni Contracts Manager (Ronnie Portelli);

Is-Segretarju Eżekuttiv qrat il-mozzjoni li għaddielha l-Kunsillier Ronnie Portelli fejn tgħid li rridu noħorġu *tender* jew *call* għal-Contracts Manager kif ġejna mitluba mid-Dipartiment.

Il-Kunsill qabel.

## 5.13 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

5.13.1 Ma kienx hemm

## 5.14 Rapporti mill-Kunsilliera;

5.14.1 Il-Kunsilliera Louise Cachia Castelletti u Eugenio Muscat qalu li l-kennies għamel xogħol sew fi Triq Emanuel Galizia u qalu ukoll li hemm 2 pallets u laned taz-zebgħa biex jinġabru mil-

**kuntrattur tal-Bulky Refuse. Il-Kunsillier Ronnie Portelli qal li minn mindu ma għadhomx joqogħdu l-barranin naqas ħafna il-ħmieġ fit-triq.**

**5.14.2 Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti rrimarkat li għad hemm min qed jitma lil qtates u jħalli l-ikel mal-art u qed joħolqu probelma minħabba li l-ikel qed jġib il-ġrieden.**

**5.14.3 Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti qalet li hemm ħafna ġrieden Triq Abate Rigord u Triq Sir Ugo Mifsud u ssuġġerriet li newħħlu tabella tas-schedule tal-iskart.**

**Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti infurmata li se tiċċekja rigward jekk nistgħux jkollna epos machines ġewwa l-kunsill.**

## 5.15.1 Il-laqgħa li jmiss ħa ssir il-Ġimgħa 20 ta' Diċembru, 2019 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

**Il-laqgħa intemmet fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija.**

**Konfermati llum il- Ġimgħa 20 ta' Diċembru 2019.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ______________________ | ____________________ |
| **Max Zammit** | **Yasmine Tonna** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |